# DELL U DIJA

*Lill Ġużè Aquilina*
*tas-sabar li ħa jifli xi versi minn tiegħi.*

—Fi ħbub għajnejk, ġe' ħarstek
kbira w sabiħa,
għidli xin hu, poëta,
dak id-dell ħiemed, qisu dell ta' sħaba
sewda li taħbi x-xemx?
Inti mid-dinja
ma tixtieq xejn, għax xejn ma jista' jimla
qalb mixgħula w mikula
minn nar tal-Poeżija.
Xin hu mela, poëta,
id-dell sewdieni li jistaħba ħiemed
fi ħbub għajnejk?

—Safja minn qalbi ħarġet
il-għanja li għannejt lill-Maltin ħuti.
Ġbartha dik l-għanja taħt ix-xemx utieqa
mill-ġonna ħomor bil-larinġ, mill-oqsma
tmewweġ biż-żara mdieheb,
mill-widien dellija
tbajjad u tfewwaħ bir-rančis; irqomtha
bid-dawl li jilma
f'xuxit it-trabi tagħna,
fid-daħka rżina w fil-għajnejn qawwija
ta' xebbiet smajjra kollhom saħħa w ħeġġa.
U jafu l-ljieli siekta
kemm issammajt, bla nifs,
għall-ilħna safja li fil-ħemda jaslu
minn ġe' l-qiegħ tal-Ħolqien, u kif dawk l-ilħna
qassamt bil-għaqal, u qabbilthom sewwa
mat-taħbita ta' qalbi.
Sawwart hekk il-għanja
maltija
u bl-oħla kelma li għallmitni ommi
libbistha, u bħala tfajla rżina
li bdiet taf ix-xbubija
tlaqtha mat-trîq ittenni: Sliema! Sliema!

Waqfet xi nies tissamma'
għal dak il-leħen ġdid u xeħtet ħarsa
fuq it-tiżwiq tal-libsa
u fuq il-fawra ħelwa
tal-Għanja li għaddiet minn taħt għajnejhom:
u dik l-Għanja ta' qalbi
semgħet ukoll xi kliem ta' ħajr u barka:
iżda l-kotra mogħmija
wara x-xeħħa w il-frugħa
saddet widnejha,
ħarsitha dawwret,
biex la tisma' w la tara:
għalhekk imregħxa
il-Għanja reġgħet għandi,
fil-wens tad-dar, tistenna
jekk ewwilla jżernaqx jum aktar ħlejju.
Dan il-ħsieb qares, din il-ħasra kbira
li bħala dell ta' sħaba
jibki fi ħbub għajnejja!

*

—Għaliex, mela, poëta,
għadek b'imħabba li ma tafx il-għajja
tgħarrex u tifli fil-ħolqien u tisma'
it-taħbita tal-ħajja,
u tgħanni,
u meta tgħanni
tidher bħal dija f'dak id-dell sewdieni
ta' ħbub għajnejk li donnha bint il-hena?
Xin hu qatt li jferrħek,
Poëta?

*

M'hux minn jeddu l-Poëta
jgħanni. Hemm xrara li xi drabi tikbes,
u meta tikbes tixgħel.
u meta tixgħel taħkem
u tħaddan lil Poëta w donnha tbusu
u tgħidlu kliem li ħadd għajru ma jifhem.
Kif tinġabar fi żġieġa

tax-xemx id-dija w fejn tinġabar taħraq,
hekk xi daqqiet jinġabar
il-ġmiel imxerred fil-ħolqien imżewwaq
ġewwa l-ħsieb tal-Poëta,
u taħt ix-xbieha ċkejkna
ta' kollox, tixgħel dik ix-xrara w toħroġ,
ħolma tas-sema, l-Għanja tal-Poëta.
Meta jgħanni,
il-Poëta jintilef
f'saltna ta' sebħ li m'hux ta' din id-dinja.
Dehriet li ż-Żmien u l-Wisa
iżommu moħbijin mill-għajnejn l-oħra
jiżfnu quddiemu
imlibbsin bil-qawsalla.
Għall-Poëta m'hemmx ħabi f'dik is-siegħa:
iqiegħed
idu miftuħa
fuq il-qalb tal-Ħolqien u jħossha tħabbat;
iħoss għaddejja tiġri
u sserrep kuħimkien tal-ħajja l-mewġa,
u fil-ħajja
li titnissel, titwettaq, tmut, tiġġedded,
ħsiebu jidħol u jgħarrex
u jara wiċċ-im-b'wiċċ is-Sebħ ta' dejjem.
Id-dawl ta' dak is-Sebħ iżiġġ bħal leħħa
ta' berqa f'nofs is-sħaba
li ddellel il-għajnejn ta' dak l-Imsaħħar,
u f'dak il-ħin iġarrab
il-hena ta' bla tarf li hu poëta.

**Dun Karm.**